# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 29 ta' Marzu, 2019.**

**Numru 1**

**Rikors numru 24/10JD**

**Joseph Attard u b'digriet tat-30 ta' Mejju 2017, stante l-mewt ta' Joseph Attard, l-atti gew trasfuzi f'isem Josephine armla Attard, u uliedha Lawrence sive Lorry Attard, Tony Attard, Louis Attard, Jennifer Attard u Mario Attard; u Louis Attard;**

**v.**

**Anthony u Marija konjugi Attard**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Civili moghtija fid-9 ta' Novembru 2012 li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment;

“Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu gie premess is-segwenti:-

“Premess illi l-atturi, illi ghandhom negozju flimkien, ghaddew lill-konvenuti permezz ta’ bosta cekkijiet kif ukoll *brevi manu* s-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf mija u sebgha u hamsin euro tlieta u ghoxrin centezmu (€25,157.23) ekwivalenti ghal ghaxart elef u tmien mitt lira (Lm10,800), liema somma l-atturi ghaddewlhom sabiex jissaldaw l-ammont dovut mill-attur Joseph Attard lid-Dipartiment tat-Taxxa tal-Valur Mizjud.

“Premess illi l-atturi jirrizultalhom illi dawn il-flus baqghu f’idejn il-konvenuti u ntuzaw minnhom ghall-skop differenti minn dak pattwit u ma ghaddew qatt lid-dipartiment imsemmi bir-rizultat illi l-attur Joseph Attard spicca nkarcerat ghal bosta xhur sakemm issalda l-ammont dovut lill-istess dipartiment.

“Premess illi minhabba l-fatt illi l-attur Joseph Attard ma hallasx fil-hin it-taxxa fuq il-valur mizjud, l-atturi kellhom ihallsu s-somma addizjonali ta’ wiehed u tletin elf disa’ mija u disgha u tletin euro sitta u tletin centezmu bhala multa mposta mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gudikatura Kriminali sakemm l-ammont imsemmi thallas u sabiex l-attur Joseph Attard ikun jista’ johrog mill-habs.

“Premess ukoll illi l-atturi hallsu jew ser ikollhom ihallsu dawn il-flejjes minhabba t-traskuragni u l-intenzjonijiet frawdolenti tal-konvenuti u ghaldaqstant, il-konvenuti ghandhom jirrimborsaw u jaghmlu tajjeb ghal dawn il-flejjes li thallsu jew li ghad iridu jithallsu mill-atturi.

“U premess illi l-konvenuti, debitament interpellati, baqghu nadempjenti u m’ghamlux tajjeb ghall-ammonti mitluba.

“U premess illi l-ammonti msemmija huma certi, likwidi u dovuti mill-konvenuti lill-atturi u sa fejn jafu huma l-konvenuti m’ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu ghat-talba taghhom.

“Ghalhekk l-atturi talbu lil din il-Qorti sabiex:

> “1. Tipprocedi ghas-sentenza minghajr is-smiegh tal-kawza u dana skond l-artikoli 167 – 170 tal-Kap 12;
>
> “2. Tikkundanna l-konvenuti jhallsu s-somma ta’ mija u tlett elef mitejnu sitta u disghin euro disgha u ghoxrin centezmu (€103,296.29) rapprezentanti ammonti dovuti lill-atturi kif gie premess; jew kwalsiasi somma ohra li tistabilixxi din il-qorti

"Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali numru mija u hamsa u hamsin tas-sena elfejn u disgha (855/2009) spedita fis-sittax (16) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009), tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru disgha tas-sena kurrenti (9/09), tal-mandat ta' qbid kawtelatorju kif ukoll tal-mandat t'inibizzjoni numru disgha tas-sena kurrenti (9/09), liema mandati lkoll gew ipprezentati fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010).

"B'riserva ghat-talba ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni kommessi mill-konvenuti kif ukoll ghar-rimbors ta' kwalunkwe penalitajiet u mghaxijiet addizzjonali illi ghad jistghu jigu dovuti mill-atturi lid-dipartiment tat-Taxxa tal-Valur Mizjud.

"Bl-imghax legali mid-data tal-hlas tas-somom imsemmija sad-data tal-hlas effettiv.

"Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharrkin.

"Rat li fl-udjenza tad-9 ta' April 2010 il-konvenuti nghataw id-dritt li jipprezentaw risposta guramentata.

"Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li permezz taghha ressqu s-segwenti eccezzjonijiet:

i. "Illi fl-ewwel lok ma jistghux japplikaw fil-konfront tal-konvenuti l-artikoli 167 et seq tal-Kap XII tal-Ligijiet ta' Malta stante illi mhux minnu li hija certa, likwida u dovuta s-somma fl-ammont ta' mija u tlett elef mitejn u sitta u disghin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€103,296.29) u kif ukoll ghar-ragunijiet esposti aktar 'il quddiem f'din ir-risposta;

ii. "Illi minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet ta' l-atturi qed jigu kkontestati fid-dritt u fil-fatt ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi ghar-ragunijiet esposti aktar 'il quddiem f'din ir-risposta;

iii. "Illi mhuwiex minnu illi l-atturi ghaddew lill-konvenuti s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, mija u sebgha u hamsin euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€25,157.23);

iv. "Illi mhuwiex minnu li l-atturi ghaddew xi flus kontanti lill-konvenuti;

v. "Illi filwaqt li l-atturi kienu originarjament ghaddew lill-konvenut ammont ta' cekkijiet mhuwiex minnu li dawn l-ammonti baqghu f'idejn il-konvenut Anthony Attard, izda

huwa hallas lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skont kif kien jindikalu d-Direttur Support Services ta' dak iz-zmien is-sur George Catania;

vi. "Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-attur Joseph Attard biss instab originarjament hati fuq l-ammissjoni tieghu stess mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gudikatura Kriminali fl-20 ta' Dicembru 2000, fit-30 ta' Mejju 2001 u fit-13 ta' Frar 2002 talli ma meliex id-denunzji relattivi u mhux talli ma hallasx xi ammont ta' taxxa;

vii. "Illi sussegwentement f'sentenzi sussegwenti l-istess attur Joseph Attard instab hati talli ma ottemperax ruhu ma' dawk is-sentenzi kif originarjament moghtija;

viii. "Illi konsegwentement ma jistax jigi ordnat illi l-konvenuti jistghu qatt jinstabu responsabbli ta' penali ta' flus li l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gudikatura Kriminali mponiet fuq l-attur Joseph Attard fuq traskuragni tieghu;

ix. "Illi ukoll il-konvenuti ma jistghux jinstabu hatja ta' penali ohra mposta mid-dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud minhabba xi nuqqasijiet ohra li saru mill-atturi u ghall-grazzja ta' l-argument l-atturi jridu jgibu pjena prova ta' l-ammont li skont huma hallsu diga' lid-dipartiment.

x. "Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

"Semghet ix-xhieda.

"Rat li fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2010 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' April 2011 bil-fakolta' li l-partijiet jipprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet taghhom.

"Rat il-verbali tas-seduti tad-29 ta' April 2011, tal-25 ta' Mejju 2011, tas-6 ta' Lulju 2011 u tas-17 ta' Frar 2012 u tad-19 ta' Gunju 2012.

"Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tat-12 ta' Ottubru, 2012 izda peress li l-Qorti kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza, il-kawza giet differita ghall-istess skop ghas-seduta tas-26 ta' Ottubru 2012, f'liema data l-kawza giet differita ghall-istess skop ghas-seduta tal-lum.

"Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

"Rat l-atti kollha tal-kawza.

"**Kunsiderazzjonijiet**

"Illi din il-kawza originarjament inbdiet mill-atturi b'talba sabiex ikun hemm dispensa mis-smiegh u minflok il-qorti tghaddi biex tiddeciedi t-talbiet taghhom. Il-kawza giet prezentata fil-15 ta' Marzu 2010 u giet appuntata ghad-9 ta' April 2010 fejn proprju f'din l-ahhar data, seduta stante l-Qorti tat il-fakolta' lill-konvenuti sabiex jipprezentaw risposta guramentata.

"Jirrizulta mill-atti li effettivament il-konvenuti kienu diga' pprezentaw risposta guramentata fis-7 ta' April 2010 ossija jumejn qabel ma nghataw id-dritt li jipprezentaw eccezzjonijiet taghhom. Effettivament l-atturi qatt ma qajmu dan il-punt u jirrizulta mill-atti li l-konvenuti ressqu wkoll il-provi taghhom.

"Din il-Qorti jidhrilha li ghalkemm gara dan il-fatt ghal kull buon fini r-risposta guramentata xorta wahda se tigi kkunsidrata bhala ammessa u dan peress li kif graw il-fatti ladarba l-konvenuti nghataw id-dritt ghall-prezentata ta' risposta guramentata ghandu japplika l-principju tal-*jus superveniens.* Ma jirrizultax li l-atturi b'daqshekk se jkunu sofrew xi pregudizzju.

"Stabilit dan, is-sekwenza tal-fatti kienet hekk:

- "L-atturi Joseph u Louis Attard huma l-missier u iben rispettivament li ghandhom negozju flimkien.

- "Il-konvenut Anthony Attard huwa l-kugin ta' Joseph Attard.

- "Joseph Attard kien gie akkuzat f'erba' procedimenti separati u misjub hati, fuq ammissjoni tieghu, mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gudikatura Kriminali fl-20 ta' Dicembru 2000. Huwa kien instab hati li ma kienx issottometta d-denunzja tat-taxxa tal-VAT ghall-perjodi ta' Marzu 1999, Gunju 1999, Gunju sa Settembru 2000 u Dicembru 2000. Huwa gie mmultat Lm150 ghal kull kaz, inghata tliet xhur zmien sabiex jottempera ruhu u fin-nuqqas jehel multa ta' Lm2 kuljum.

- "Fit-13 ta' Frar 2002 kien hemm sentenza ohra mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gudikatura Kriminali minhabba n-nuqqas ta' Joseph Attard li jissotometti d-denunzja u wehel multa ta' Lm200 u Lm2 kuljum bhala multa fin-nuqqas li jipprezenta r-returns fi zmien 3 xhur.

- "Fil-proceduri odjerni l-attur xehed li huwa ma jafx jikteb u jaqra u ghalhekk kellu t-tendenza li ma jaghtix kaz tal-karti li kien jircievi[1].

- "Wara s-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gudikatura Kriminali tramite l-awditur tieghu Joseph Cordina, l-attur Joseph Attard ipprepara r-rendikonti, dahhalhom id-dipartiment izda xehed li ma kellux flus biex ihallas it-taxxa kollha dovuta. Ghalhekk peress li ma sarx il-hlas, id-dipartiment iqis li r-rendikonti ma dahlux.

- "Joseph Attard jixhed li huwa baqa' jimla' l-VAT returns u hallas it-taxxa dovuta skont kemm seta'. Wara xi zmien beda jircievi ittri minghand id-dipartiment tal-VAT minn fejn kien hemm indikazzjoni li l-ammont dovut beda tiela'.

- "Mix-xhieda ta' Paul Scicluna jirrizulta wkoll li Joseph Attard tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gudikatura Kriminali bl-istess tip ta' akkuzi fid-29 ta' Settembru 2004 u rega' gie kkundannat ihallas multa ta' Lm150 u Lm2 kuljum bhala multa fin-nuqqas li jipprezenta r-returns fi zmien 3 xhur

- "Jirrizulta mill-atti li fl-14 ta' Marzu 2005[2] li d-dipartiment tal-VAT baghat ittra lil Joseph Attard sabiex ihallas it-taxxa pendenti tal-VAT 95, CET 97 u t-taxxa u l-interessi tal-VAT 1999. Jidher li d-dipartiment kien lest jahfirlu l-penali ta' Lm 7,277.21 dovuta taht VAT 99.

- "Jidher li Joseph Attard ressaq talba fuq il-penali u d-dipartiment permezz ta' ittra ta' l-10 ta' Gunju 2005[3] infurmah li kien lest li jahfirlu wkoll il-penali taht is-sistema CET 97 (Lm414) u tal-VAT 95 (Lm424.13) fuq bazi umanitarja purche' jhallas l-ammont ta' Lm17,726.37 sat-30 ta' Gunju 2005 (liema ammonti kienu dovuti sal-31 ta' Dicembru 2004).

- "Fis-26 ta' Ottubru 2005 intbaghtet ittra ohra mid-dipartiment[4] lil Joseph Attard minn fejn jissemma l-ammont ta' Lm13,999.45 u jirrizulta li huwa ma kien hallas l-ebda ammont sabiex ikun jista' jidhol fl-iskema ta' mahfra tal-penali.

- "Fil-5 ta' Dicembru 2005 id-dipartiment ircieva ittra minghand Joseph Attard fejn filwaqt li rrefera ghall-ittri precedenti tieghu u certifikati medici spjega li kien jinstab f'sitwazzjoni finanzjarja

[1] Affidavit a fol. 81 tal-process
[2] Din l-ittra ma gietx ezebita izda hija msemmija fl-ittra tal-10 ta' Gunju 2005
[3] Dok PS11 a fol 209 tal-process
[4] Dok PS10 a fol 208 tal-process

hazina minhabba accident u talab lid-dipartiment jikkunsidra li jaccetta s-somma ta' Lm5,000 a saldu liema somma kien se jissellifha minn bank lokali.

- "Iz-zewg partijiet jaqblu li Joseph Attard kien qieghed jitkellem ma' Anthony Attard u waqa' l-kliem fuq din il-kwistjoni li Joseph Attard kellu mad-dipartiment tal-VAT. Anthony Attard kien offrielu li jmur ghand id-dipartiment tal-VAT Malta u jivverifika jistax ikun hemm tnaqqis ulterjuri mill-multi.

- "Jidher li Anthony Attard mar id-dipartiment tal-VAT.

- "Fit-12 ta' Dicembru 2005 inhargu zewg ittri mid-dipartiment tal-VAT:

  (i) "ittra ffirmata minn Joanne Hefny li tat zmien lil Joseph Attard ghaxart ijiem sabiex ihallas l-ammont ta' Lm24,337.26 illum ekwivalenti ghal €56,690.57 (VAT Att 1998), Lm3265.21 illum ekwivalenti ghal €7605.89 (VAT Att 1994) u Lm1493.40 illum ekwivalenti ghal €3478.69 bhala taxxa tad-Dwana u Sisa u fin-nuqqas jittiehdu passi legali. F'din l-ittra saret referenza wkoll ghall-ittri mibghuta lilu mid-Dipartiment tal-VAT dwar l-iskema ta' mahfra ta' penali kif imhabbra fid-diskors tal-Budget ghas-sena 2005 u li huwa ghazel li ma jibbenefikax minnha.

  (ii) "Ittra ffirmata minn George Catania. F'din l-ittra saret referenza ghall-ittra ta' Joseph Attard fejn talab li jhallas Lm5,000 illum ekwivalenti ghal €11646.87 a saldu. Id-dipartiment minhabba c-cirkostanzi ta' l-attur infurmah li kien dispost li jahfirlu l-penalitajiet u l-imghax kemm-il darba jhallas it-taxxa pendenti li kellu taht is-sistema ta' VAT 95 u VAT 99 fl-ammont ta' Lm10,797.73 illum ekwivalenti ghal €25,151.95. Dan l-ammont kellu jithallas fiz-zmien 3 xhur mid-data ta' l-ittra. Hekk kif ihallas din is-somma kienu se jinhafrulu diversi ammonti f'eluf ta' liri Maltin konsistenti f'penalitajiet u mghax fuq it-taxxa li ma kienx hallas.

- "Anthony Attard kien infurmah li kien se jirrangalu kollox billi jhallas l-ammont ta' Lm10,800 illum ekwivalenti ghal €25,157.23 fi zmien tliet xhur.

- "Mhux kontestat li Joseph Attard hareg tliet cekkijiet li tahom lil Anthony Attard bl-intiza li b'tali flus kellu jithallas id-dipartiment. Dawn ic-cekkijiet huma datati :

"10 ta' Novembru 2005 fl-ammont ta' Lm3,000 illum ekwivalenti ghal €6988.12

"2 ta' Dicembru 2005 fl-ammont ta' Lm2,000 illum ekwivalenti ghal €4658.75

"11 ta' Jannar 2006 fl-ammont ta' Lm5,000 illum ekwivalenti ghal €11,646.87

- "Dawn ic-cekkijiet ma gewx intestati f'isem id-dipartiment izda f'isem Anthony Attard jew martu Maria Attard ghax hekk kien dirett li jaghmel Joseph Attard minn Anthony Attard.

- "In vista ta' l-ittra ta' George Catania tat-12 ta' Dicembru 2005 l-attur Anthony Attard kellu zmien sat-12 ta' Marzu, 2006 biex ihallas l-ammont ta' Lm10,797.73.

- "Mix-xhieda ta' Paul Scicluna[5] irrizulta li sat-12 ta' Marzu 2006 ma thallas l-ebda ammont. Biss pero' f'April 2006 thallas l-ammont ta' Lm5,000 ossija €11,646.87 u dan skont notament ta' George Catania li sar fuq ittra tad-dipartiment stess. F'dan in-notament inghad li l-bilanc kellu jithallas fix-xahar permezz ta' pagamenti mensili ta' Lm750 ekwivalenti ghal €1747.03 b'effett minn Mejju 2006 sa Dicembru 2006. Ma jirrizultax min affettwa dan il-hlas ghax kull hlas li jsir fid-dipartiment tinhareg ricevuta fuq it-*taxpayer.*

- "Paul Scicluna xehed li Joseph Attard ma zammx ma' dan il-ftehim u l-pagamenti ma sarux. B'hekk il-penali ma nhafrux. Huwa spjega li l-penali tibqa' titla' fuq il-bilanc li ma jkunx ghadu thallas mat-taxpayer.

- "Fil-5 ta' Settembru, 2006 Joseph Attard rega' tressaq quddiem il- Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gudikatura Kriminali f'erba' procedimenti separati u fuq ammissjoni tieghu nstab hati li ma ottemperax ruhu mas-sentenzi tal-20 ta' Dicembru, 2000. Huwa gie mmultat Lm3,026 ghal kull procediment separat.

- "Paul Scicluna spjega wkoll li dawn il-hlasijiet imsemmija fis-sentenzi ma jsirux lid-dipartiment izda jridu jithallsu lill-Qorti kif fil-fatt sar.

"Illi l-atturi permezz tal-kawza odjerna qeghdin isostnu li l-konvenut Anthony Attard inghata mandat minn Joseph Attard sabiex jirranga l-kwistjoni mad-dipartiment tal-VAT tant li ghaddewlu tliet cekkijiet

[5] A fol. 133 tal-process

flimkien ma' Lm800 ekwivalenti ghal €1863.50 sabiex l-istess jithallsu lid-dipartiment fit-terminu moghti. In vista tal-fatt li l-konvenut ma hallasx lid-dipartiment fiz-zmien stipulat, l-attur qieghed isostni li l-konvenut ghandu jinzamm responsabbli ghall-hlas tal-multi li gew imposti mill-Qorti tal-Magistrati; ghall-inkarcerazzjoni kif ukoll ghall-penali u mghaxijiet li Joseph Attard ghad fadallu jhallas lid-dipartiment.

"Illi l-konvenut min-naha tieghu kkonferma li Joseph Attard tah tliet cekkijiet ghas-somma ta' Lm10,000 ekwivalenti ghal €23,293.73 izda mhux flus kontanti. Huwa jammetti wkoll[6] li c-cekkijiet inghataw lilu minn kuginuh sabiex isarrafhom u jmur ihallas il-kont li kellu mad-dipartiment tal-VAT. Huwa sostna li mar id-dipartiment f'Birkirkara kemm-il darba u tkellem ma' diversi nies sabiex il-kont jigi rivedut u dan ghal diversi ragunijiet u kif ukoll li l-pagamenti saru lid-dipartiment. Il-konvenut isostni li dak li ghamel kien biss bhala favur lil kuginuh u li ta' l-intrigu huwa ma kellu jircievi l-ebda hlas. L-argument tieghu huwa li hu rnexxilu jikseb termini favorevoli ghal kuginuh u qatt ma pprova jqarraq bl-attur. Huwa jsostni li m'ghandux jinstab responsabbli ghac-cifra li jsemmu l-atturi partikolarment meta kien l-istess attur li ammetta l-akkuzi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

"Illi l-ewwel ma jrid jigi deciz huwa jekk il-konvenut Anthony Attard kienx inghata mandat minn Joseph Attard sabiex il-kwistjoni mad-dipartiment tal-VAT tigi rizolta. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom l-atturi qeghdin isostnu li nghata mandat lil Joseph Attard u li dan naqas li jadempixxi obbligu ewlieni li kellu bhala mandatarju. Anthony Attard jargumenta li l-istitut tal-mandat ma japplikax ghax huwa kien sempliciment qieghed jaghmel favur lil Joseph Attard.

"Illi l-artikoli relevanti ghall-kaz odjern huma s-segwenti:

"***1856****(1) Il-mandat, jew il-prokura, hu kuntratt li bih persuna taghti lil persuna ohra s-setgha li taghmel xi haga ghaliha.*

*"(2) Il-kuntratt mhux perfett sakemm il-mandatarju ma jaccettax il-mandat.*

"***1858.*** *L-accettazzjoni tal-mandatarju tista' wkoll tkun tacita u tista' tidher mill-fatt.*

"***1861.*** *Il-mandat hu bla hlas jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju.*

[6] A fol 37 tal-process

"***1873.*** *(1) Il-mandatarju hu obbligat jesegwixxi l-mandat sakemm hu jibqa' inkarigat, u fil-kaz ta' nuqqas ta' esekuzzjoni jwiegeb ghad-danni u l-imghaxijiet.*

*"(2) Huwa wkoll obbligat li jispicca l-affari li jkun beda qabel il-mewt tal-mandant, jekk id-dewmien jista' jkun ta' hsara.*

"***1874.*** *(1) Il-mandatarju jwiegeb mhux biss ghall-eghmil doluz, izda wkoll ghal negligenza fl-esekuzzjoni tal-mandat.*

*"(2) Izda, din ir-responsabbiltà, kwantu ghan-negligenza ghandha titqies b'mod anqas sever fil-kaz ta' dak li l-mandat tieghu jkun bla hlas, milli fil-kaz ta' dak li l-mandat tieghu jkun bil-hlas.*

"***1878.*** *Il-mandatarju ghandu jaghti l-imghaxijiet tas-somom illi, minghajr is-setgha tal-mandant, ikun inqeda bihom ghall-uzu tieghu nnifsu, minn dak in-nhar li jkun hekk inqeda bihom, u ta' kull somma ohra li taghha jkun baqa' debitur lejn il-mandant, minn dak in-nhar li jkun gie mqieghed in mora, bla hsara, fiz-zewg kazijiet hawn fuq imsemmija, tal-uzi tal-kummerc.*

"Illi l-istitut tal-mandat ghandu l-origini tieghu fiz-zmien tal-ligi Rumana. **R.W. Lee**[7] jiddefinixxi l-mandat bhala *'a contract whereby one person (mandator) gives another (mandatarius), a commission to do something for him without a reward, and the other accepts the commission'.* Oltre' dan jemergi li l-element ta' fiducja huwa bazilari f'dan ir-rapport.

"Fil-kawza odjerna l-attur Joseph Attard u l-konvenut Anthony Attard jaqblu li kien Anthony Attard li wara li sema' lil Joseph Attard li kellu l-problemi mad-dipartiment tal-VAT li offra li jghinu. Joseph Attard accetta u ghalhekk Anthony Attard mar jitkellem ghan-nom ta' Joseph Attard mad-dipartiment biex jipprova jakkwista ftehim favorevoli. Iz-zewg partijiet jaqblu wkoll li Anthony Attard irnexxilu jikseb ftehim favorevoli liema ftehim gie rifless fl-ittra ta' George Catania tat-12 ta' Dicembru 2005 li permezz taghha Joseph Attard rega' inghata l-opportunita' (ghaliex kien diga' inghata opportunitajiet drabi ohra) li jhallas l-ammont ta' circa Lm10,800 fi zmien tliet xhur mid-data ta' l-ittra (kwindi sat-12 ta' Marzu 2006) u kien se jinhafirlu l-ammont ta' Lm16,160.87 illum ekwivalenti ghal €37,645 rapprezentanti taxxa pura u penali u mghaxijiet. Din l-ittra intbaghtet lil Joseph Attard ukoll.

"Il-konvenut isostni li dan ma kienx mandat izda sempliciment favur. Il-Qorti mhiex ta' l-istess fehma – ibda biex, il-mandat fih innifsu huwa generalment mifhum li huwa gratuwitu u li huwa bbazat fuq il-fiducja

bejn iz-zewg partijiet. Hekk kif Joseph Attard hareg ic-cekkijiet sabiex Anthony Attard imur ihallas lid-dipartiment u accettahom bdew jiskattaw ir-regoli tal-mandat. Zewg cekkijiet minnhom hargu qabel l-ittra tat-12 ta' Dicembru 2005. L-inkarigu kien wiehed specifiku – li jithallsu l-flus lid-dipartiment tal-VAT sabiex Joseph Attard jibbenefika mit-termini offruti u b'hekk il-kwistjoni tigi rizolta. Din il-Qorti hija konvinta wkoll li Joseph Attard ta s-somma ta' Lm800 ekwivalenti ghal €1863.50 fi flus kontanti lil Anthony Attard. Din il-konvinzjoni temani kemm mix-xhieda prodotti minn Joseph Attard, kif ukoll mill-fatt li rrizulta li Anthony Attard hallas l-ammont ta' Lm10,500 ekwivalenti €24,458.42 ghal b'kollox lid-dipartiment tal-VAT. Li kieku Joseph Attard ha biss Lm10,000 ekwivalenti ghal €23,293.73 Anthony Attard ma kienx se jhallas somma oltre minn dik moghtija.

"Il-konvenut sostna li huwa hallas l-ammonti li kellu jhallas lid-dipartiment tal-VAT hekk kif gie dirett minn George Catania. Din l-asserzjoni mhux talli ma gietx pruvata min-naha tal-konvenuti talli mix-xhieda ta' Paul Scicluna rrizulta li fit-terminu moghti lil Joseph Attard fl-ittra tat-12 ta' Dicembru 2005 ma gew versati l-ebda pagamenti. Ghalhekk sat-12 ta' Marzu 2006 ma sarx hlas lid-dipartiment. Huwa evidenti li Anthony Attard zamm il-flus ghalih matul il-perjodu. Biss pero' rrizulta wkoll mix-xhieda ta' Paul Scicluna li f'April 2006 id-dipartiment ircieva hlas ta' Lm5,000 ekwivalenti ghal €11,646.87 kif hemm in-notament ta' George Catania. Ix-xhud gharaf il-kaligrafija tieghu. Jidher li l-bilanc kellu jithallas fix-xahar permezz ta' pagamenti ta' Lm750 ekwivalenti ghal €1747.03 b'effett minn Mejju 2006 sa Dicembru 2006 izda dan il-ftehim ma giex onorat u ghalhekk il-penali ma nhafrux.

"Kwindi ghalkemm l-ammont ta' €25,157.23 ma kienx thallas sat-12 ta' Marzu 2006 huwa evidenti li d-dipartiment tal-VAT rega' estenda ghal darb'ohra l-opportunita' li Joseph Attard ihallas l-ammont ta' €25,157.23 ai termini ta' l-ittra tat-12 ta' Dicembru 2005 ta' George Catania. Izda Anthony Attard ma hallasx il-pagamenti mensili kif miftiehem.

"Ghaldaqstant id-dipartiment tal-VAT rinfaccjat b'din is-sitwazzjoni ipproceda mill-gdid kontra Joseph Attard. Fil-fatt kif diga' inghad fis-sekwenza tal-fatti kien hemm erba' procedimenti kontra Joseph Attard u fil-5 ta' Settembru 2006, fuq ammissjoni tieghu stess wehel Lm3,500 multa ghal kull procediment. Tliet snin wara dawn il-multi kienu ghadhom ma thallsux u Joseph Attard spicca wkoll inkarcerat ghal xi zmien peress li parti mill-multa giet konvertita fi prigunerija. Fil-frattemp sas-16 ta' Dicembru 2010 il-multi, imghaxijiet u penali pretizi mid-dipartiment kienu telghu ghal €80,211.13.

"Illi l-atturi qeghdin jippretendu li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu kemm il-multi u penali li gew imposti mill-Qorti tal-

Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif ukoll il-multi, penali w imghaxijiet peress li skont huma dawn ir-riperkussjonijiet kienu kawzati mill-fatt li l-konvenut ma hallasx lid-dipartiment dak li kellu jithallas meta l-attur kien tah il-flus fit-terminu mpost mid-dipartiment.

"Illi kif diga' gie rilevat huwa minnu li l-konvenut naqas li jonora l-ftehim mad-dipartiment tal-VAT u li minn tali nuqqas skattaw certi riperkussjonijiet. Madankollu fil-fehma tal-Qorti l-konvenut ma jistax jitqies responsabbli ghal kollox.

"Fl-ewwel lok, il-konvenut ma jistax jitqies responsabbli ghall-hlas tal-multi penali. Tajjeb li jigi rilevat li l-attur Joseph Atatrd kien persuna li qatt ma kien jaghti kaz tal-karti li kien jircievi u qatt ma ta wisq kaz ghall-obbligi fiskali. Tant huwa hekk li rrizulta li tressaq diversi drabi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Gudikatura Kriminali akkuzat li ma kienx issottometta d-denunzja tat-taxxa. Instab hati, wehel il-multi, inghata zmien biex jottempera ruhu mal-ligi u xorta wahda naqas li jirregola ruhu. Meta imbaghad rega' tressaq f'Settembru 2006 Joseph Attard ma rrizultax li qabel id-data tas-smiegh ipprova jivverifika mad-dipartiment x'kien gara. Wiehed ma jridx jinsa li c-cekkijiet kienu lhom xhur li hargu u ricevuta qatt ma nghatatlu. Kwindi f'dak l-istadju kien jaf jew messu kien jaf li kuginuh seta' ma kienx hallas il-flus lid-dipartiment. Paul Scicluna xehed li d-dipartiment meta jkun hemm ragunijiet tajba, dejjem a diskrezzjoni tal-Kummissarju tal-VAT, ikun lest biex jasal ghall-arrangement mal-persuna registrata mad-dipartiment. Joseph Attard izda ma vverifikax. Infatti fl-affidavit tieghu qal hekk b'referenza ghal meta kien ta c-cekkijiet lil Anthonu Attard *"Ghal bosta xhur, ahna ma bqajniex nircievu ittri mid-Dipartiment tal-VAT u ghalhekk hsiebna li l-problema giet rizolta. Wara ftit xhur ergajna rcevejna ittra minghand il-VAT li l-ammont li kellna nhallsu kien ghadu kollu dovut.*

*"Meta Jahel Attard irceviet din l-ittra, kienet ghaddietha lili biex immur inkellem lill-konvenut Anthony Attard biex nara ghaliex dawn l-ammonti ghadhom dovuti, wara li jien kont diga' hallast Lm10,800. Meta mort staqsejt lill-konvenut Anthony Attard ghala dawn kif ma kienux imhallsa kien qalli li hu hallas l-flus li tajnieh u ghadhom ma qatghuhomx u ser jerga' jmur ghal ircevuti. Kull meta kienu jibghatuli l-karti tal-kont tad-dipartiment tal-VAT, jiena dejjem immur ghand il-konvenut Anthony Attard biex intih il-karti li nkun ircevejt u hu kien ighidli li dawn kienu ghadhom ma gewx ingassati u jweghdni li ser igibli l-ircevuti'.*

"Il-Qorti tifhem li Joseph Attard kellu fiducja f'Anthony Attard pero' min-naha l-ohra Joseph Attard kellu f'idejh bizzejjed fatti li kellhom jinducuh li l-flus jew ma kienux thallsu jew kien gara xi haga. Joseph Attard xorta wahda baqa' jirrikorri ghand il-konvenut meta messu mar jaghmel l-

accertazzjonijiet tieghu mad-dipartiment ghaliex wara kollox l-obbligu fiskali jinkombi fuq l-attur u fuq hadd aktar. Din it-traskuragni min-naha ta' Joseph Attard, li tirrizulta li kienet konsisteni matul hafna snin, ma tistax tigi njorata.

"Stabbilit dan fil-fehma tal-Qorti l-konvenut Anthony Attard kiser il-fiducja riposta fih u ghandu jwiegeb ghall-eghmil tieghu u dan kif tistipula l-istess ligi. Ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas lill-attur dawk is-somom li d-dipartiment kien lest li jahfer lill-attur li kieku l-ftehim gie onorat. Dawn l-ammonti jirrizultaw mill-ittra ta' George Catania indirizzata lil Joseph Attard u datata 12 ta' Dicembru 2005:

| | |
|---|---|
| "VAT 1995 | Lm2,005.15 illum ekwivalenti ghal €4671 |
| "CET 1997 | Lm1433.91 illum ekwivalenti ghal €3340 |
| "VAT 1999 | Lm12,721.81 illum ekwivalenti ghal €29,634 |

"Hawnhekk irid jinghad ukoll li kuntrarjament ghal dak sottomess mill-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom irrizulta li l-konvenut ghamel is-segwenti hlas:

| | |
|---|---|
| "April 2006 | €11,646.87[8] |
| "6/09/2006 | €6,988.12[9] |
| "6/09/2006 | €2,329.37[10] |
| "2/12/2006 | €873.52[11] |
| "6/12/2006 | €2620.55[12] |

"B'kollox il-konvenut hallas is-somma ta' €24,458.42 ossija Lm10,500 tal-munita antika. B'hekk zamm €699 mill-ammont li l-attur kien tah. Irid jinghad ukoll li l-konvenut ghalkemm hallas dawn l-ammonti huwa ma hallasx skont il-ftehim u ghalhekk l-attur ma nhafrulux l-ammonti msemmija fil-paragrafu precedenti. Mill-komportament tal-konvenut il-Qorti tirraviza eghmil doluz u dan ghal diversi ragunijiet – talab lill-attur biex ic-cekkijiet ma jintestahomx fuq id-dipartiment; ladarba kien qieghed imur id-dipartiment ghan-nom ta' l-attur u kien qieghed jitkellem huwa ma' l-ufficcjal tad-dipartiment kien jaf bil-konsegwenzi tan-nuqqas ta' hlas izda xorta ma hallasx biex b'hekk l-attur tilef il-beneficcju li nghatalu; baqa' jittama lill-attur.

"Illi mill-atti jirrizulta li ghad hemm pendenti taxxa dovuta lid-dipartiment u li hemm multi w imghaxijiet enormi li sas-16 ta' Dicembru 2010 telghu ghal €80,211.13. L-attur qieghed isostni li dan huwa kollu htija tal-konvenut li ma hallasx il-flus fit-termini tal-ftehim. Filwaqt li l-konvenut

[8] Ma giex spjegat fejn gie akkreditat
[9] Akkreditat mat-taxxa VAT 1999
[10] Akkreditat mat-taxxa VAT 1999
[11] Akkreditat mat-taxxa VAT 1999
[12] Akkreditat mat-taxxa VAT 1995

ma jistax jahrab mir-responsabilita' tieghu tal-komportament tieghu li approprja ruhu minn flus haddiehor meta kien jaf li l-konsegwenzi ghall-eghmil tieghu kienu serji, din il-Qorti lanqas ma tista' tinjora n-negligenza ta' Joseph Attard u dan peress li : (i) ghal snin shah ma ta kaz xejn ta' l-obbligi tieghu; (ii) wara li Anthony Attard ma tah ebda ricevuta baqa' qatt ma vverifika mad-dipartiment nonostante li d-dipartiment baghtulu korrispondenza li l-ammont kien ghadu dovut. Minflok l-attur mar ghand kuginuh; (iii) sahansitra anki meta rcieva t-tahrika sabiex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali mar ghand il-konvenut u ghal darb'ohra mhux fid-dipartiment. Dan meta seta' jevita l-kumplikazzjonijiet kollha ghaliex kien ghadu bic-cans li possibilment jirranga s-sitwazzjoni; (iv) il-fatt li spicca 78 jum il-Habs ghax ma hallasx il-multi mposti – dan gara 3 snin wara li l-multi gew imposti u li l-istess attur baqa' ma hallasx. L-attur sostna li baqa' jigi ttamat mill-konvenut li se jkun hemm amnestija – imma l-Qorti tistaqsi: kif rinfaccjat b'din is-sitwazzjoni meta kien aktar minn ovvju li Anthony Attard kien dahak bih l-attur baqa' jafda? Il-Qorti hija propensa li temmen li l-attur anki wara li gew imposti l-multi baqa' jinjora l-importanza ta' dak kollu li kien qieghed jigri. Huwa rrealizza s-serjeta' tac-cirkostanzi meta baghtu ghalih il-Pulizija f'Settembru 2009.

"Illi l-atturi qeghdin ifittxu lill-konvenuti ghad-danni subiti b'konsegwenza ta' l-agir ta' Anthony Attard. L-istess atturi pero' jinjoraw principju assodat fil-gurisprudenza li d-danni jridu jigu minimizzati. F'dan il-kaz huwa lampanti li l-attur ma ppruvax jimminizzahom. Infatti rrizulta li bejn Marzu 2006 u Settembru 2006 (meta tressaq il-Qorti) Joseph Attard ircieva korrispondenza mid-dipartiment li l-ammont kien ghadu dovut izda minflok mar id-dipartiment kif kien l-obbligu tieghu ghax il-persuna registrata huwa hu rega' mar ghand il-konvenut. Huwa naturali li ladarba kien ghadda l-flus lil Anthony Attard l-ewwel imur jistaqsi lilu izda allura ma jaghmilx il-verifiki tieghu mad-dipartiment? Kien jaf li kien diga' wehel il-multi mill-Qorti f'diversi okkazzjonijiet u ghaldaqstant kien jaf is-serjeta' tas-sitwazzjoni. Mhux hekk biss talli ghamel l-istess meta rcieva t-tahrika ghal Settembru 2006. Ammetta, wehel il-multi u ma hallashomx biex spicca wkoll il-habs.

"Fl-ahharnett fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghhom, il-konvenuti sostnew li l-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju peress li mhiex il-legittimu kuntradittur. D in l-eccezzjoni ma tqajjmitx fir-risposta guramentata u peress li mhux lecitu li l-Qorti tiehu konjizzjoni ta' eccezzjoni sollevata f'nota ta' sottomissjonijiet u ghalhekk mhix se tigi kkunsidrata.

"Illi tenut kont ta' dawn il-fatti u ta' dawn ic-cirkostanzi hija l-fehma tal-Qorti li l-konvenuti ghandhom jinsabu r-responsabbli in parti u ghandhom ghalhekk jigu kkundannati jhallsu d-danni lill-atturi. Kif diga' inghad il-konvenuti ghandhom ihallsu dawk l-ammonti li l-attur Joseph

Attard kien se jiffranka li kieku l-flus thallsu fit-termini stabbiliti ossija l-ammont ta' €37,645.

"Oltre' dan l-ammont il-konvenuti ghandhom ihallsu l-ammont ta' €699 liema ammont mghoddi lilhom mill-atturi baqa' ma thallasx lid-dipartiment.

"L-atturi talbu l-imghax mid-data tal-hlas ta' somom imsemmija. Illi huwa maghruf li meta l-ammont pretiz in linea ta` danni jkun indikat fl-att tac-citazzjoni, huwa permess li l-Qorti tordna illi fuq dak l-ammont, jew fuq ammont inferjuri ghal dak indikat, jibda jiddekorri l-imghax mid-data tal-prezentata ta' l-att tac-citazzjoni (ara '**Sacco vs Muscat Scerri**' deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta` Jannar 2003). Fil-kaz tal-lum l-atturi ndikaw l-ammont minnhom pretiz ghalkemm jinghad li l-ammont li gie effettivament likwidat minn din il-Qorti huwa ferm inferjuri minn dak pretiz.

"Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici biss bil-mod segwenti:

1) "Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba attrici;

2) "Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' tmienja u tletin elf tliet mija u erbgha u erbghin euro (€38,344) lill-atturi bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru mija u hamsa u hamsin tas-sena elfejn u disgha (855/2009) spedita fis-sittax (16) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009), tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru disgha tas-sena 2009 (9/09), tal-mandat ta' qbid kawtelatorju kif ukoll tal-mandat t'inibizzjoni numru disgha tas-sena 2009 (9/09), liema mandati lkoll gew ipprezentati fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) kollha a karigu tal-konvenuti".

Minn din is-sentenza appella l-konvenut li qed jitlob ir-revoka taghha u li allura jigu respinti t-talbiet attrici – da parti tieghu l-attur interpona appell incidentali fejn talab zieda fl-ammont likwidat favur tieghu mill-Ewwel Qorti.

Ghandu jinghad li fl-appell tieghu l-konvenut talab li jressaq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni liema eccezzjoni pero` giet respinta permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti moghtija fit-8 ta' Jannar 2018.

L-aggravji huma tlieta u se jigu ikkunsidrati "seriatim".

**L-ewwel aggravju** huwa fis-sens li l-appellant ma kien qatt il-mandatarju tal-appellat izda kien semplicement jghinu fin-negozju. Il-provi juru mod iehor u ma hemmx dubju li l-appellant ikkomporta ruhu matul il-kors tal-fatti li taw lok ghall-kawza bhala mandatarju tal-appellat.

Huwa minnu li kif jinsab precizat, "*m'hemmx kwestjoni li min jallega l-ezistenza tal-mandat ghandu l-oneru fuqu li jipprovah*" ("**Ethel Farrugia - v. - Albert von Brockdorff noe",** Appell Kummercjali, 5 ta' Frar 1971; **"George Debono noe v. Edgar Pugliesevich noe",** Appell Kummercjali, 9 ta' April 1976).

Madankollu kif jidher ampjament mis-sentenza appellata, l-appellat ghamel dan abbondantement. Jidher infatti ben car li l-appellant kien jiehu hsieb ir-relazzjonijiet li kellu l-appellat mad-dipartiment tat-taxxa koncernat u l-istess appellat kien jghaddilu somom ta' flus sostanzjali biex jaghmel il-hlasijiet li effettivament dwarhom saret il-kawza. Jirrizulta

minghajr dubbju li kif qalet is-sentenza appellata, l-attur taha flus lill-appellant biex tithallas it0taxxa dovuta izda nonostante dak li jghid l-appellant, dawn il-flus huwa qatt ma hallas bihom kif kien gie inkarigat. Jirrizulta ukoll li l-appellat ma kienx jaf jikteb u jaqra u huwa kwindi aktar verosimili li l-affarijiet graw kif qed isostni l-appellat u kif qalet l-Ewwel Qorti. L-argument tal-appellant li huwa kien qed jaghmel favur lill-appellat ma jregiex anke ghaliex l-artiklu 1861 tal-Kodici Civili jghid car hu tond li hemm presunzjoni li l-mandat huwa prezunt li huwa "bla hlas". Dan l-aggravju huwa ghalhekk michud.

**It-tieni aggravju** jirrigwardja s-somma ta' Lm800 li skond l-ewwel Qorti, l-appellant gie moghti mill-appellat; isostni li din mhiex verosimili ghaliex l-appellat dejjem ghaddielu cekkijiet. Din hija kwistjoni ta' apprezzament ta' provi.

Ghandu jinghad illi hafna mill-aggravji jirrigwardjaw evalwazzjoni li ghamlet l-Ewwel Qorti tal-provi li ingiebu quddiemha – kompriz il-kredibilita` tax-xhieda. Dwar dan, kif qalet din il-Qorti stess fil-kawza fl-ismijiet **Phyllis Ebejer noe v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995 '*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f' kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti."* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta'

Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor.*"

*"Huwa appena necessarju li tigi mfakkra l-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti in materja fis-sens li hija ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun ghamlet lewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha jekk mhux ghal ragunijiet validi wara li din il-Qorti tkun ezaminat il-provi u l-ligi applikabbli u tikkonkludi li l-ewwel Qorti ma setghetx legalment jew ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha."* **(Borg v. Galea, Appell, 3 ta' Marzu 2011).** Madankollu "*Din il-Qorti pero' f' kaz tapprezza ukoll li id dover taghha xorta huwa li tesamina sewwa l-provi imressqa u barra minn hekk, huwa ukoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skond il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja.*" (**Attard et v. Direttur tas Sahha, Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014).**

Kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet **George Bugeja v. Joseph Meilak** deciza fit-30 ta' Ottubru 2003;

> *"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati talhajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghal lkonvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, iccertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli."* Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "**Farrugia v. Farrugia",** "*mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo."*

F'gudizzju civili infatti il-Qorti trid tiddecidi appuntu fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet *(**Zammit v. Petroccochino**, Appell Kummercjali, 25 ta' Frar 1952); il-Qorti allura jehtieg li tara jekk verzjoni wahda teskludix lill-ohra fuq bilanc ta' probabiltajiet; b'hekk jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubbju u ssib refugju mir-regola 'in dubio pro reo' – **Enrico Camilleri v. Martin Borg**, (Appell Inferjuri, 17 ta' Marzu 2003).* Mill-provi imressqa din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet li waslet ghalihom l-Ewwel Qorti fir-rigward.

Din il-Qorti wara li ezaminat il-provi ma ssib ebda raguni biex tbiddel din il-parti tad-decizjoni. L-appellant infatti jibbaza l-aggravju relattiv fuq supposizzjoni li huwa ma kienx se jirriskja ikun soggett ghal din il-kawza fuq somma hekk zghira (hu jghid fil-fatt ghal Lm300 ghaliex kien hallas bilanc ta' Lm500). Din il-Qorti pero` ma tistax tirrevoka gudizzju tal-Ewwel Qorti hekk dipendenti fuq ezami tal-provi, semplicement fuq argument simili. Li jghodd huwa kif l-Ewwel Qorti wiznet il-provi li semghet, u ghalhekk anke dan l-aggravju huwa michud.

**It-tielet aggravju** jirrigwardja l-komputazzjoni tad-danni akkordati lill-attur u l-appellant jilmenta li l-ammont akkordat huwa eccessiv. Jghid li kien dover tal-appellat li jimminimizza d-danni u dan ma ghamlux. Ghandu jinghad mill-ewwel li dan l-aggravju hu relatat hafna mal-appell incidentali tal-appellat.

F'dan ir-rigward huma applikabbli s-segwenti principji esposti mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kaz **Percius Car Hire Limited v. Richard Schembri [20.10.2003]** fejn gie osservat hekk: "*Huwa minnu li di regola d-danneggjat ghandu d-dover li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara konsegwenti ghall-fatt illecitu* ***[Vol.XL.II.653]*** *b'mod li jigi eskluz fil-kazijiet kongruwi, mir-risarciment ta' dik il-parti tad-danni dovuta ghan-nuqqas tieghu li jiehu dawk il-passi.*

*Jibqa' pero` dejjem il-fatt illi huwa ma huwiex obbligat jitghabba b'pizijiet biex inaqqas il-hsara* ***[Vol.XXXVIII.I.249].***

> *"Il-kwistjoni ta' x'inhu ragjonevoli li jaghmel iddanneggjat biex jimmitiga l-hsara hi kwistjoni ta' fatt li ghandha tigi konsiderata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikolari, u l-oneru tal-prova f' dan ir-rigward specifiku jaqa' fuq il-konvenut"* **[App.Civ. Joseph Aquilina v. Emmanuele Schembri 24.1.1969**)

In propositu ukoll, il-Qorti tirrileva li, hu principju stabbilit li "in tema ta' kompensazzjoni ta' danni, l-attur ghandu kemm jista' jkun jigi mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kagjonata l-hsara" [App.Civ. **John Tufigno v. Joseph Micallef noe. 26.11.54**]. Inoltre, ghalkemm id-danneggjat ghandu d-dmir li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara u li jiehu l-mizuri kollha biex jimmitiga t-telf li jkun garrab, huwa mhuwiex obbligat li jitghabba b'pizijiet biex jirriduci l-hsara. Dan il-principju jinsab enuncjat fit-termini segwenti fil**-Halsbury** citat mill-Onor.Qorti tal-Appell fil-kawza **Mallia v. Moore**, (26.4.1965) citata fil-kawza App. Inf. **John Xuereb v. James Edward Livick et**. (3.11.1956) : *It is the duty of the plaintiff to take all reasonable steps to mitigate the loss he has sustained consequent upon the wrongful act in respect of which he sues; and he cannot claim as damages any sum which is due to his own neglect, but he is under no obligation to injure his character, his business or his property to reduce the damage payable by the wrong doer."*

L-ewwel Qorti pero` qieset dawn il-principji kollha u kien ghalhekk li ma akkordatx lill-appellat id-danni li kien qed jippretendi ghaliex kellu jiehu hsieb jimminizza d-danni billi jhallas it-taxxa dovuta meta kien intimat ripetutament mid-dipartiment biex jaghmel dan. Huwa minnu li kien l-appellant li gabu f'dan is-saram kollu imma dan ma jfissirx li huwa kien gustifikat jinjora t-twissijiet li kellu ghaliex donnu assuma li ma kienx se jispicca l-habs. Madankollu kif inghad l-Ewwel Qorti hadet dan ben in konsiderazzjoni u l-ammonti li gew likwidati kienu dawk li effettivament sofra l-appellat bhala danni.

Huwa doveruz jizdied li x-xhud prodott mill-appellant waqt is-seduta tal-appell rigward amnestija mid-dipartiment tat-taxxa koncernat ma jbiddel xejn mis-sustanza tal-provi gia prodotti in prim istanza.

**L-APPELL INCIDENTALI**

Is-sentenzi appena citati u d-duttrina imsemmija huma sa certu punt applikabbli ukoll ghall-appell incidentali fejn l-appellat qed jitlob li s-somma akkordata bhala danni tizdied u qed jitlob anke danni ghall-fatt li sofra l-piena karcerarja.

Madankollu ghandhom ragun l-appellanti incidentali meta jghidu li skond id-dokumenti esebiti bhala Dok JA 7 sa JA 9 huma hallsu s-somma

addizzjonali ta' 30,230.36 ewro u 908.70 multa in segwitu ghall-proceduri kriminali li kien soggett ghalihom htija tal-qerq adoperat mill-appellant principali. Wara kollox jirrizulta li l-appellant incidentali ma kienx jaf jaqra u jikteb u huwa evidenti li l-appellant principali approfitta ruhu anke minn dan l-aspett. Il-Qorti pero` ma tistax takkorda danni b'mod arbitrarju ghall-kull jum li l-appellant incidentali dam karcerat (kif qed jitolbu huma) ghaliex ma hemm ebda prova konkreta dwar dawn, kif irid l-artiklu 562 tal-Kap. 12 u "*Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat'*; kif gie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi (ara per ezempju **Dr H Lenicker v. J Camilleri**, Prim Awla 31 ta' Mejju 1972 **u Peter Paul Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995). Madankollu kif inghad, din il-Qorti se takkorda s-somom appena imsemmija li maghdudin mas-somma likwidata mill-ewwel Qorti, jwasslu ghas-somma totali ta' 69, 483.06 euros.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tichad l-appell interpost mill-konvenuti u tilqa' l-appell incidentali u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi s-somma ta' 69,483.06 (minflok is-somma likwidata mill-ewwel Qorti), bl-imghaxijiet kif decizi mis-sentenza appellata li ghall-bqija hija ukoll

konfermata. L-ispejjez tal-appelli imsemmija a kariku tal-appellanti principali.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr